MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 189/1999/1

**Robert PAĊE**

**vs**

**GASANMAMO INSURANCE AGENCY LIMITED għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' assikuratriċi estera General Accident Fire and Life Assurance p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 1999, li bih l-attur ippremetta;

Illi l-attur kellu polza valida ta' assikurazzjoni mas-soċjeta' konvenuta, liema polza kienet tirreferi għall-vettura ta' l-attur tal-marka Peugeot 106XT, bin-numru tar-reġistrazzjoni ROB-101;

Illi fid-19 (dsatax) ta’ Diċembru elf disa’ mija sitta u disgħin (1996) seħħ inċident fi Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara, fejn l-imsemmija vettura ħadet in-nar u ġiet distrutta;

Illi l-polza ta’ assikurazzjoni mas-soċjeta’ attriċi kienet tat-tip ‘third-part, fire & theft’ u għaldaqstant l-istess polza kienet tkopri ċ-ċirkostanzi ta’ l-inċident premess;

Illi l-attur għamel il-claim relattiv mas-soċjeta’ konvenuta għad-danni li sofra;

Illi s-soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tgħaddi għall-likwidazzjoni u ħlas ta’ danni sofferti mill-attur iżda baqgħet inadempjenti;

Għaldaqstant l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara li s-soċjeta’ konvenuta hi debitriċi ta’ l-attur f’dik is-somma li għandha tiġi minn din l-Onorabbli Qorti likwidata, rappreżentanti danni sofferti mill-istess attur fl-inċident tad-19 ta’ Diċembru 1996 meta l-vettura tiegħu ħadet in-nar u ġiet distrutta;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-inċident imsemmi;

3. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tas-16 ta’ Novembru 1998, u ta’ l-ittri interpellatorji ta’ l-24 ta’ April 1997 u tat-23 ta’ Ġunju 1997, u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjeta’ konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fit-3 t’Awissu, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka *nomine* eċċepiet;

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u dana billi l-vettura tal-marka Peugeot numru ROB-101, proprjeta' tal-attur, ma kienitx koperta bil-Polza ta' Assikurazzjoni rilaxxata mis-soċjeta' attriċi (sic) meta kienet involuta fl-inċident li seħħ fil-limiti ta' B'Kara fid-19 ta' Diċembru 1996 u dana kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Salve eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka *nomine*;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Ġunju, 2000[1], li fiha ġie dikjarat li l-polza tal-assikurazzjoni li kellu l-attur dwar il-vettura partikolari kienet inqerdet meta l-istess vettura qabdet;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2000, tas-26 ta' Frar, 2001, tat-28 ta' Marzu, 2001, u tat-23 ta' Mejju, 2001, li bihom il-kawża kienet titħalla għall-probabbli ċessjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-meżż tal-affidavit;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-10 ta' Lulju, 2003, tal-20 ta' Novembru, 2003, tad-29 ta' Jannar, 2004, u tas-17 ta' Ġunju, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 21 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' kumpens mingħand kumpannija assikuratriċi wara inċident. L-attur kien sid ta' karozza li kienet assikurata mal-kumpannija mħarrka u li nqerdet wara li nħarqet f'inċident tat-triq li seħħ f'Diċembru tal-1996. Qiegħed jitlob kumpens mingħand l-assikuratur tiegħu għat-telf tal-karozza;

Illi, għal din l-azzjoni, l-kumpannija mħarrka laqgħet billi li hija ma kellha tħallas l-ebda kumpens għaliex, fil-ħin li seħħ l-inċident, il-karozza tal-attur ma kinitx koperta minn polza ta' assikurazzjoni maħruġa minnha;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur kien sid ta' karozza tal-għamla *Peugeot 106XT*, reġistrata ROB-101 (qabel kienet reġistrata I-6441), mibnija fl-1994 u li hu kien kiseb fl-1995. Fi Frar tal-1995[2] l-attur ħareġ polza ta' assikurazzjoni dwar l-imsemmija karozza mal-kumpannija mħarrka *proprio* fuq bażi "*third party f(ire) & t(heft)*", b'valur dikjarat ta' ħamest elef u tmien mitt lira Maltija (Lm 5,800). Fil-lejl tad-19 ta' Diċembru, 1996, huwa u jsuq l-imsemmija karozza fi Triq Dun Karm Psaila, fil-limiti ta' Birkirkara, ħabat ma' ħajt u spiċċa mqabbad ma' arblu tad-dawl f'nofs it-triq[3]. Mal-ħabta, li kienet waħda qawwija[4], il-karozza ġarrbet ħsarat kbar u, wara ftit tal-ħin ħadet in-nar u nqerdet. L-attur u min kien riekeb miegħu ġarrbu xi ġrieħi u ttieħdu l-isptar biex jiddewwew. Dak li kien fadal mill-karozza wara l-ħabta ttieħed mill-Pulizija f'Ta' Kandja. Meta seħħ l-inċident, l-attur kellu għoxrin sena. Skond il-polza ta' assikurazzjoni, l-"*excess*" kien ta' ħamsin lira Maltin (Lm 50)[5]. F'Jannar tal-1999 infetħet il-kawża;

Illi l-ewwel konsiderazzjoni tal-punti ta' dritt li trid issir hija li l-kumpannija mħarrka qegħda twarrab kull responsabbilta' taħt il-polza biex tagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-karozza tal-attur. Hija tgħid li fil-waqt li seħħ il-ħruq tal-karozza, il-polza ta' assikurazzjoni li kien hemm dwarha ma kinitx ghadha tiswa. Dan għaliex, sewwasew dak il-ħin, il-karozza kienet tkisser b'mod li ma

[2] Dok "RP1", f'paġ. 20 tal-proċess
[3] Xhieda ta' Dr Francesco Depasquale 18.2.2002, f'paġġ. 44-5 tal-proċess
[4] Dokti "P2", f'paġġ. 37-9 tal-proċess
[5] Dok "LB1", f'paġ. 26 tal-proċess

setgħetx tissewwa u ma kinitx aktar meqjusa bħala vettura "*roadworthy*" (tajba biex tinsaq fuq triq)[6];

Illi l-kumpannija mħarrka tisħaq li filwaqt li l-ħabta fiha nnifisha ma kinitx koperta bil-polza minħabba li l-polza kienet tkopri ħsarat lil terzi, lanqas x'ħin seħħ il-ħruq ma kien għad hemm kopertura, għaliex il-ħruq seħħ f'ħin meta l-karozza kienet diġa' meqruda bil-ħabta;

Illi taħt l-iskorta tal-prinċipju ewlieni tad-dritt assikurattiv dwar l-indennita' ("*The Principle of Indemnity*"), l-assikurat irid jitqiegħed f'qagħda ekonomika li kien ikun fiha kieku l-periklu ma seħħx. B'mod partikolari, l-assikurat ma jistax jistagħna bis-saħħa ta' polza ta' assikurazzjoni jew jagħmel qligħ minnha, l-iżjed fejn il-polza tkun waħda li tirregola l-ġid tal-assikurat. Għalhekk, l-ammont li l-assikurat jista' jippretendi li jitħallas wara li jseħħ l-inċident huwa l-ammont ta' tnaqqis fil-prezz li l-ħaġa ġġib fis-suq bejn dak li kienet tiswa qabel l-inċident u dak li seħħ fl-inċident;

Illi fil-qasam ta' assikurazzjoni minħabba qerda ta' ħaġa bi ħruq, huwa meħtieġ li jintwera li l-ħaġa assikurata qabdet u mhux biss li l-ħaġa ġarrbet ħsara minħabba s-sħana eċċessiva. Iżda ladarba jintwera li l-ħruq kien aċċidentali, allura, f'każ bħal dak, il-ħsara li sseħħ b'nirien li jilħqu dik il-ħaġa ghandha tkun koperta bil-polza ta' assikurazzjoni. Ħsara li sseħħ f'ħaġa bi splużjoni jew minħabba li tintlaqat minn sajjetta ma titqiesx bħala ħsara bi ħruq[7]. Għalkemm splużjoni li sseħħ b'riżultat ta' nirien, jew ħruq li jiġri wara splużjoni jitqiesu bħala ħsara minn ħruq li polza ta' assikurazzjoni kontra l-ħruq trid tagħmel tajjeb għaliha, ladarba kien hemm it-tkebbis tan-nirien[8];

Illi, madankollu, f'dawn il-każijiet, wieħed irid iħares lejn x'kienet il-kawża tal-ħruq. Huwa mgħallem li "*it is not sufficient in order that an insured should recover for a loss, that the loss falls within the cover provided as a matter of construction or definition. He must also show*

[6] Xhieda ta' Joseph Żammit 18.2.2002, f'paġġ. 50-2 tal-proċess

[7] Ara, per eżempju, ***Commonwealth Smelting vs Guardian Royal Exchange*** (**1984**) 2 Lloyd's Rep. 608

[8] Ara, per eżempju, ***Stanley vs Western Insurance Co.*** (**1868**) L.R. 3 Ex. 71

*that the loss was proximately caused by an insured peril. The proximate cause does not, however, mean the last cause, but the effective or dominant or real cause. Working out what is the proximate cause in any situation is strictly a question of fact.....*"[9];

Illi, fit-tiftix għall-kawża tal-ħsara mġarrba minn persuna assikurata, mhux dejjem ikun ċar jekk il-polza ta' assikurazzjoni kinitx għadha torbot lill-istess assikurat. F'dak il-qasam tad-dritt assikurattiv li huwa magħruf bħala d-Duttrina tal-Prossimita', tapplika fuq kollox il-massima li *in jure non remota causa sed proxima spectatur*[10]. Fi kliem ieħor, biex wieħed iqis jekk ħsara mġarrba minn persuna assikurata kinitx jew le mħarsa b'polza ta' assikurazzjoni, wieħed għandu jħares lejn x'kienet il-kawża immedjata li wasslet għall-ħsara mġarrba. Kif ingħad b'awtorita' f'dan ir-rigward, il-prossimita' ma tissarrafx f'dak li seħħ fl-aħħar qabel seħħet il-ħsara, imma f'dak li kien tassew il-kawża tal-ħsara. Il-kejl ta' qies hu li l-kawża tal-ħsara mġarrba kienet "proximate in efficiency"[11];

Illi tali prinċipju ta' kawżalita' jrid jinftiehem b'mod li jirrifletti t-termini tal-polza ta' assikurazzjoni, imma m'għandux iwarrab it-tiftix tal-kawża vera li tkun wasslet għall-ħsara mġarrba. Kif ġie mgħallem u stabilit f'dan ir-rigward b'awtorita' konsistenti, "*the doctrine of proximate cause, which is common to all branches of insuranceis based upon the presumed intention of the parties as expressed in the contract into which they have entered. But it must be applied with good sense, so as to give effect to, and not to defeat, that intention. Its application, therefore, depends upon the broad principle that the policy was intended to cover any loss which can fairly be attributed to the operation of the peril, rather than upon drawing nice distinctions between varieties of phrases used in particular policies to explain the causation of the loss*"[12];

---

[9] John Birds, Modern Insurance Law (2nd Edit.), paġ. 185
[10] Ara, per eżempju, ***Everett vs London Assurance* (1865)** 19 C.B.N.S. 126
[11] Ara ***Leyland Shipping Co. Ltd. vs Norwich Union Fire Insurance Society Ltd.* (1918)** A.C. 350
[12] E.R.Hardy Ivamy General Principles of Insurance Law (4th Edit, 1979), Chap. 38, pp.405-6

Illi jaf ikun hemm ċirkostanza fejn wieħed ma jistax jgħid b'ċertezza jekk ħsara mġarrba kinitx il-konsegwenza ta' aktar minn kawża waħda. Jista' jkun ukoll il-każ fejn il-ħsara tkun fil-fatt ir-riżultat ta' aktar minn kawża waħda li jseħħu flimkien u li mhux kollha huma kontinġenzi mħarsin mill-polza. Jiġifieri, tista' sseħħ ħsara li tkun ikkawżata minn periklu kopert fil-polza ta' assikurazzjoni u wkoll minn riskju li jkun eskluż mill-polza ("*excepted risk*"). F'każ bħal dan, il-fehma hi li "*where the loss is caused by the action of two concurrent and independent causes, one of which is the peril insured against and the other an excepted cause, the loss is not within the policy, since it may be accurately described as caused by the excepted cause, and it is immaterial that it may be described in another way which would not bring it within the exception*"[13];

Illi fil-każ ta' assikurazzjoni ta' vetturi bil-mutur, huwa prinċipju ġenerali f'kull polza li l-assikuratur ma jibqax responsabbli taħt il-polza jekk kemm-il darba l-vettura ma tkunx tajba għat-triq jew tkun inżammet f'kundizzjoni perikoluża meta jseħħ l-inċident. Din tista' tkun kemm eċċezzjoni jew ukoll kundizzjoni fil-polza: meta tkun kundizzjoni, huwa meqjus li m'huwiex meħtieġ li tintwera konnessjoni jew rabta bejn in-nuqqas min-naħa tal-persuna assikurata u l-ħsara mġarrba. Fil-każ preżenti, kienet kundizzjoni[14]. Hawn ta' min jgħid li "*unroadworthiness does not relate to just the mechanical condition of a vehicle, but can include any other relevant factors*"[15]. F'dan id-dawl, karozza li kienet qegħda ġġorr għadd ta' passiġġieri akbar minn dak konsentit titqies bħala "*unroadworthy*", għalkemm kieku kienet qegħda ġġorr għadd ta' passiġġieri kemm suppost kienet tkun "*safe*"[16];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, il-kumpannija mħarrka tgħid li l-karozza tal-attur ma kinitx għadha tajba għat-triq x'ħin ħadet in-nar, u għalhekk il-polza ta' assikurazzjoni ma tapplikax iżjed. Mhux hekk biss, imma

[13] E.R. Hardy Ivamy *ibid.*, p. 418
[14] Ara Dok "LB1", f'paġ. 26 *tergo* tal-proċess
[15] John Birds, *Op. cit.*, paġ. 304
[16] Ara ***Clarke vs National Insurance Corp.*** **(1963)** 3 All E. R. 375

billi l-karozza ma kinitx tista' tissewwa u l-valur tal-fdalijiet kienu mill-anqas, l-attur jiġi li ma ġarrab l-ebda telfa ulterjuri meta dak il-fdal (*wreck*) ħa n-nar. L-attur, min-naħa tiegħu, jisħaq li l-ħabta u l-ħruq kienu episodju wieħed u mhux żewġ fażijiet distingwibbli minn xulxin, u għalhekk il-polza kienet tkopri l-ħruq li seħħ, għaliex fil-ħin li seħħet il-ħabta l-karozza tiegħu kienet għadha kundizzjonata u tiswa l-valur assikurat;

Illi mill-provi miġjuba kemm mill-attur innifsu u kif ukoll mill-kumpannija mħarrka, ma hemm l-ebda dubju li l-ħruq sar wara l-ħabta u li, sa ma seħħet il-ħabta, ma kien hemm l-ebda ħruq. Mill-fehma ta' l-espert maħtur mill-Qorti Inkwirenti dak inhar stess li seħħ l-inċident joħorġu żewġ fatti: (a) li mal-ħabta, l-karozza kienet "imdamdma" u l-fdal ma kienx jiswa ħamsin lira (Lm 50) ukoll kieku ma ħax in-nar; u (b) li n-nar ħa meta tkebbes il-*fuel* li kien għad fadal fiha minn xi xrara jew "*short circuit*". Huwa jeskludi li setgħet kienet il-makna li qabdet, għaliex il-makna kienet waqgħet fil-post fejn seħħet il-ħabta tal-bidu. Ix-xhud Simon Gauċi[17], mressaq mill-attur, ukoll jgħid li l-ewwel ilsna tan-nar li lemaħ kienu ħerġin mill-*bonnet* hu u jipprova joħroġ 'il-passiġġieri minn ġol-karozza. Min-naħa l-oħra, l-istess xhud jgħid li x'ħin laħaq wasal ħdejn il-karozza ma deherlux li kienet ġarrbet ħsara estensiva[18]. Ix-xhud Gauċi wasal fuq il-post qabel ma kienu waslu l-esperti maħturin mill-Qorti. Iżda Philip Żammit, *surveyor*, imressaq mill-kumpannija mħarrka, jindika mod ieħor[19] u jgħid li l-ħsarat li ġarrbet il-karozza kienu kbar qabel ma ħadet in-nar. Ta' min jirrileva hawn li l-imsemmi xhud qatt ma ra l-karozza, imma wasal għall-fehma tiegħu wara li kien intwera ritratti tagħha. Il-qies tiegħu ta' kemm kienet tiswa l-karozza wara l-ħabta ukoll kieku ma ħaditx in-nar huwa ta' bejn Lm 250 u Lm 300;

Illi l-Qorti tirrileva li għalkemm, f'xi waqt tal-kawża, kien issemma li kellha titressaq kopja tar-rapport magħmul mill-espert tekniku Joseph Żammit dak inhar tal-inkjesta, tali rapport baqa' ma tressaq qatt u l-ebda wieħed mill-partijiet

[17] Xhieda tiegħu 10.12.2001, f'paġ. 57 tal-proċess
[18] Xhieda tiegħu 8.4.2003, f'paġġ. 79-80 tal-proċess
[19] Xhieda tiegħu 19.4.2002, f'paġġ. 69-70 tal-proċess

ma reġa’ semmih. Bl-għajnuna ta’ dak ir-rapport, il-Qorti kienet tkun f’qagħda iżjed grafika u preċiża dwar l-aspetti tekniċi li setgħu jitfgħu dawl siewi fuq x’seta’ seħħ fl-imsemmi inċident. Minkejja dan in-nuqqas, madankollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-ħruq seħħ minħabba l-ħabta. Ma kien hemm l-ebda ħjiel li l-karozza ħadet in-nar qabel il-ħabta jew li kien hemm x’juri li kienet xorta waħda sejra tieħu n-nar ukoll kieku ma ħabtitx. Huwa minnu li mhux kull ħabta ta’ vettura twassal għal ħruq, imma f’dan il-każ, il-ħabta, jew aħjar l-impatt, nisslet ħruq. Il-Qorti ssib ukoll li, sakemm seħħet il-ħabta, ma ntwera bl-ebda mod li l-karozza ma kinitx fi stat li tkun fuq it-triq jew li kienet fi stat perikoluż;

Illi jirriżulta wkoll li l-karozza ħadet in-nar għal raġuni jew b’għamil mhux doluż tal-assikurat, iżda b’mod aċċidentali, jiġifieri mhux premeditat. F’każ bħal dan, il-Qorti hija tal-fehma li l-polza kienet tkun għadha fis-seħħ u kienet tkun tkopri dak il-ħruq;

Illi huwa aċċettat mill-partijiet li, mill-għamla ta’ polza li kienet tkopri l-karozza, l-attur ma kien ikollu l-ebda jedd għal kumpens għall-ħsara li seħħet fil-karozza tiegħu biss bħala riżultat tal-ħabta. Huwa fatt ukoll li, mal-ħabta, l-karozza misjuqa mill-attur ġarrbet tnaqqis fil-valur tagħha, liema tnaqqis kellu jbatih kollu hu, ladarba l-polza kienet tkopri lil terzi. Mela, fil-fehma tal-Qorti, l-kwestjoni ewlenija li jifdal li tiġi mistħarrġa hija jekk il-kawża prossima tat-telfa assikurata kinitx kawża mħarsa taħt il-polza. Jekk it-tweġiba għal dan l-istħarriġ tkun affermattiva, il-Qorti trid imbagħad tara kemm huwa t-telf imġarrab mill-attur li tiegħu jista’ jitlob kumpens;

Illi fid-dawl tal-prinċipji hawn fuq imsemmijin u mill-provi li joħorġu mill-atti, il-Qorti ssib li l-kawża prossima tal-ħruq kienet il-ħabta. Il-ħabta kienet, għalhekk, il-kawża ewlenija ta’ dak kollu li seħħ. Taħt l-għamla ta’ polza li kienet inħarġet dwar il-karozza tal-attur (“*third part full fire and theft*”), il-ħabta waħedha ma kinitx periklu assikurat. Għall-kuntrarju, kienet “*an excepted risk*”. Ma ntweriex li l-ħruq tal-karozza kien imnissel minn kawża oħra li

ssopraveniet il-kawża oriġinali tal-ħabta. Dan kien piż ta' prova li l-attur ried iġib 'il quddiem;

Illi għalhekk, f'ċirkostanza bħal din ikollu japplika l-prinċipju li "*where the peril insured against, though undoubtedely causing the loss, is preceded in point of time by an excepted cause, there is no loss within the meaning of the policy if the excepted cause can be regarded as its proximate cause. If the peril insured against is the reasonable and probable consequence, directly and naturally resulting in the ordinary cause of events from the excepted cause, the excepted cause is the cause of the loss within the meaning of the policy, since there is no break in the sequence of causes, and the relation of cause and effect between the excepted cause and the loss is, therefore, established. It is not necessary for the excepted cause to remain in operation down to the loss; it is sufficient that it has started the chain of circumstances leading to the loss. The whole circumstances beginning from the excepted clause constitute one accident; the intervention of the peril insured against is merely the natural and probable consequence of the excepted cause*"[20];

Illi dan it-tagħlim jista' jiġi applikat għall-każ preżenti bla diffikulta' għaliex jaqbel ħafna mal-ġrajja u jindirizza sewwasew il-qofol tal-qagħda ġuridika li titnissel miċ-ċirkostanzi ta' fatt li jirriżultaw mill-atti tal-kawża. B'mod speċifiku, f'każ fejn karozza tieħu n-nar f'kondizzjoni bħal din, jingħad li "*if the fire is the natural consequence of the excepted peril, the excepted peril is the proximate cause of the loss resulting from the fire, and the insured cannot recover*"[21];

Illi dan iwassal għalhekk biex il-Qorti tasal għall-fehma li t-talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex ma tirriżultax ġuridikament fondata;

Għal dawn ir-raġunijet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[20] E.R. Hardy Ivamy *op.cit.*. pp 415-6

[21] Ara ***Holder vs Phoenix Assurance Co. of London*** **(1912)** 31 NZLR 257 u E.R. Hardy Ivamy Fire and Motor Insurance (3rd. Edit., 1978) pg. 147

Filwaqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------